# APPREZZAMENT TAL-POETA KARMENU VASSALLO

## MIET "IL-POETA TAN-NIRIEN"

— Karmenu Vassallo



Karmenu Vassallo twieled fir-raħal tagħna nhar it-18 ta' Marzu 1913, bin is-sinjuri Mikiel Vassallo u Ġużeppa Micallef. Hu ġie mgħammed il-ġurnata ta' wara, i.e. fid-19 ta' Marzu mill-Viċi Parrokku ta' dak iż-żmien, is-saċerdot Dun Mikiel Vella. L-ismijiet li hu ingħata flimkien ma' dak ta' Karmenu kienu Ġann-Nikol, Ġlormu, Ġużeppi, Enriku u Pietru Pawl. Il-parrinijiet għall-magħmudija tiegħu kienu Ġann-Nikol Vassallo mis-Siġġiewi u Maria Grazia Micallef minn San Ġiljan. Karmenu kien l-ewwel minn tlett aħwa mill-ewwel żwieġ ta' missieru peress li dan kien reġa' żżewweġ wara l-mewt ta' martu Ġużeppa, fid-9 ta' Frar 1920 meta Karmenu kellu biss 7 snin.

Meta kellu 9 snin, f'Ottubru 1922, Karmenu daħal fl-Iskola Primarja tar-raħal, li kienet għadha fil-Pjazza, u f'Ottubru 1928 daħal jistudja fil-Kulleġġ ta' San'Alwiġi, B'Kara. Studja wkoll fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl u fil-Kunvent Agostinjan ta' San Mark, it-tnejn ġewwa r-Rabat; f'dan ta' l-aħħar huwa studja il-Letteratura, il-Filosofija u anke t-Teoloġija.

Meta spiċċa l-istudji tiegħu, beda jgħallem it-Taljan u l-Malti fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Imbagħad għallem il-Malti fil-Liċeo ta' Malta. Wara dan ħadem ukoll bħala ġurnalist kemm mal-ġurnal "Leħen is-Sewwa" kif ukoll mal-gazzetta "Il-Berqa", li tagħha kien l-Editur Letterarju. Fi żmien il-gwerra kien rappreżentant tal-poplu fil-Kunsill tal-Gvern. Għal bosta snin kien wieħed mill-membri tal-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Kien ukoll eżaminatur għall-Malti fl-eżamijiet għad-dħul mal-Gvern fiċ-Ċivil. Karmenu Vassallo irċieva wkoll diversi rikonoxximenti għax-xogħol tiegħu u fost dawn in-semmu l-midalja tad-deheb "Ġuże Muscat Azzopardi" għall-ħidma tiegħu fil-qasam tal-poeżija u l-Letteratura Maltija. Fl-1986 rebaħ il-Premju "Città di Valletta" u nħatar Membru Onorarju "ad vitam" ta' l-Għaqda tal-Poeti.

Għalkemm Karmenu Vassallo kien jikteb kemm proża kif ukoll poeżija, mingħajr dubju ta' xejn l-aqwa isem hu bnieh fil-qasam poetiku fejn insibu diversi xogħlijiet li baqgħu jissemmew. Fost dawn ta min isemmi **Nirien** (1938), **Kwiekeb ta' Qalbi** (1944), **Hamiem u Sriep** (1959), **Tnemnim** (1970), u **Bejn Qċaċet u Qigħan** (1974). Kiteb ukoll xi kotba, fosthom **Is-Salib Imqaddes fl-Arti** (1957) u **Mill-Art għas-Sema** (1960). Ix-xogħol letterarju tiegħu kien jinkludi wkoll xi traduzzjonijiet fosthom il-ktieb ta' Charles Dickens **A Tale of Two Cities** li hu qalbu għall-Malti kif ukoll il-ktieb ta' Dr. C. Curmi **Bufera** li hu semmieh **Riefnu.** Ma' dawn irridu nsemmu wkoll il-Kotba **Il-Metrika Maltija** (1940), u **Vatum Consortium** (1969).

Minn dan kollu li għedna, Karmenu Vassallo ħadem ħafna biex il-Letteratura Maltija timxi 'l quddiem u tiffjorixxi dejjem aktar. Dan għamlu kemm bil-kontribut tiegħu fil-poeżija u l-proża kif ukoll bħala eżaminatur.

Fuq kollox Karmenu kien ukoll raġel tal-familja li pprova dejjem jeduka lil uliedu fit-triq it-tajba. U dan hu l-aħjar ċertifikat għalih, issa li ma għadux aktar magħna. Il-mewt tiegħu nhar it-Tlieta 7 ta' April zgur li ħasdet lil ħafna Siġġewin kif ukoll ħbieb tiegħu li kienu jafuh, imma hu zgur ukoll li l-memorja tiegħu mhux ser tmut miegħu, peress li l-wirt letterarju u anke uman li hu ħalla ser jibqa' jfakkarna fih kontinwament. Dan kollu jixhdu l-funeral sabiħ li l-poplu tas-Siġġiewi u nies oħrajn tawh fil-ġurnata tad-difna tiegħu.